# FIL-QORTI ĊIVILI – PRIM AWLA

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum il-Ħamis 2 ta' Settembru, 2021

Mandat Numru. **1259/2021 ISB**

Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` **Mandat ta` Inibizzjoni Numru 1259/2021 ISB**

fl-ismijiet :

**J.L. Tabacco Company Limited (C-9804)**

vs

1. **Bernardette Licari (ID 62642M)**
2. **Id-Direttur Generali (Qrati)**
3. **Ir-Registratur Qrati u Tribunali Civili, u**
4. **Il-Marixxal Manolito Paul Briffa**

**Il-Qorti;**

Preliminari

Rat ir-**rikors** prezentat mir-rikorrenti fit-23 ta' Awissu 2021 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati u kkonfermati bil-gurament minn John Luke Licari, is-socjeta` rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex izzomm lill-intimati:

> *milli jezegwixxu, fil-konfront taghha, it-titolu ezekuttiv naxxenti mis-sentenza fl-ismijiet Bernardette Licari vs Combined Industries Limited (Rikors Numru 52/2014) deciza mill-Bord li Jirregola l-Kera fid-9 ta' Gunju 2020 (DOK A) jew altriment jezegwixxu, fil-konfront tal-esponenti, it-titolu ezekuttiv naxxenti mis-sentenza fl-istess kawza (Rikors Numru 52/2014) deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-23 ta' April 2021 (DOK B) jew altrimenti jipprovaw jizgombraw lis-socjeta` esponenti mill-fond 131, Peter Paul Caruana Street, Cospicua, bis-sahha tal-precitati zewg sentenzi, inter alia permezz tal-ezekuzzjoni tal-mandat ta' zgumbrament fl-ismijiet Bernardette Licari vs Combined Industries Limited (Mandat Numru 1107/2021) u dana stante li s-socjeta` esponenti ma kinitx parti fil-kawza Bernardette Licari vs Combined Industries Limited (Rikors 52/2014) u konsegwentament is-sentenzi moghtija b'rabta mal-imsemmija kawza ma jaghmlux stat fil-konfront tas-socjeta` esponenti*,

u dan ghar-ragunijiet u l-premessi hemmek maghmula.

Rat id-dokumenti pprezentati mar-rikors promotur.

Rat id-**digriet** taghha tat-23 ta' Awissu 2021 fejn laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, ordnat in-notifika tal-atti lill-intimati bi zmien prefiss biex iwiegbu, u fejn appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza tal-31 ta` Awissu 2021 fl-10.30am.

Rat li l-intimati kienu debitament notifikati, in kwantu ghall-intimati Bernardette Licari, Direttur Generali (Qrati), Registratur Qrati Civili u Tribnali fit-23 ta' Awissu 2021 u l-intimat Marixxal Manolito Paul Briffa fl-24 ta' Awissu 2021.

Rat ir-**risposta** tal-intimati Direttur Generali (Qrati), Registratur Qrati Civili u l-Marixxal Manolito Paul Briffa pprezentata fis-26 ta' Awissu 2021 fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talbu lil din il-Qorti sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

Rat ir-**risposta** tal-intimata Bernardette Licari pprezentata fis-27 ta' Awissu 2021 fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talbu lil din il-Qorti sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

Rat ir-**replika** tas-socjeta` rikorrenti J.L. Tabacco Limited pprezentata seduta stante.

Semghet id-dikjarazzjoni tal-intimati Direttur Generali (Qrati), Registratur Qrati Civili u l-Marixxal Manolito Paul Briffa fejn b`riferenza ghall-**Artikolu 873(3) tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta, stqarrew, permezz tar-rapprezentant legali taghhom, fl-udjenza mizmuma illi "*kieku ma kienx ghal dan il-mandat li anke ntlaqa' provvizorjament, il-hsieb tal-patrocinati tieghu kien illi jezegwixxu l-Mandat Nru 1107/2021 kif intavolat*"[1] - u b'hekk issodisfaw dak li trid il-ligi f'dan il-kuntest biex il-Mandat jinstema` u jigi deciz.

[1] Vide verbal tas-seduta mizmuma 31.08.2021

Semghet is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-31 ta' Awissu 2021 u rat illi r-Rikors thalla ghal provvediment *in camera*, kif qed isir illum.

**Ikkunsidrat**:

Illi skond l-**Artikolu 873(1) tal-Kap.12** – L-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

Illi skond l-**Artikolu 873(2) tal-Kap.12** – Il-Qorti m`ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent '*prima facie*' jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Mill-Artikolu 873(2) johorgu zewg elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa:

1) fl-ewwel lok, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li qed jippretendi li ghandu; u

2) fit-tieni lok, irid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet.

Appuntu dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`**[2] qalet hekk –

> *... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

---

[2] 14 ta` Lulju 1988, (Kollez. Vol. LXXII.II.290)

Hemm imbaghad l-**Artikolu 873(3)** tal-Kap.12 li jaqra hekk –

> *Il-qorti m'ghandha tohrog ebda mandat bhal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra taghha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet moghtija, li kemm-il darba ma jinharigx il-mandat, il-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.*

Mela fejn, bhal fil-kaz tal-lum anke wiehed mill-intimati huwa l-Gvern jew persuna f'kariga pubblika, u f'dan il-kaz huwa meqjus illi tlieta mill-erba' intimati huma persuni b'kariga pubblika, b`zieda mal-elementi li johorgu mis-subincizi (1) u (2) tal-Artikolu 873, irid jitqies ukoll dak li jinghad fis-subinciz (3) u cioe`:

(a) li l-haga li parti titlob li tinzamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-hsieb li titwettaq, u

(b) li l-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.

Ghar-rigward tal-element tal-pregudizzju meqjus fil-kuntest tas-subinciz (3), wara l-emenda li giet fis-sehh f`Ottubru 2006, il-ligi ma baqghetx titkellem dwar pregudizzju "*li ma jkunx jista' jigi rimedjat*" bhala l-bazi biex tkun milqugha talba ghall-hrug tal-mandat kontra l-Gvern, izda huwa bizzejjed jintwera mill-perspettiva tal-parti li titlob il-hrug tal-mandat li dak il-pregudizzju jkun sproporzjonat fis-sens illi jkun manifestament ta` zvantagg u ta` hsara ghar-rikorrent jekk il-haga titwettaq.

L-elementi li jwasslu ghall-hrug tal-Mandat huma kumulativi u mhux alternativi.

Li allura jfisser illi jekk xi wiehed mill-elementi ma jirrizultax, il-Qorti hija obbligata tichad it-talba ghall-hrug tal-Mandat mitlub. Huwa ukoll riaffermat li l-procedura tal-lum hija mahsuba biex wahda sommarja.

Il-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug tal-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud allura l-jedd pretiz ma jezistix. Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta` din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu.

Hadd mill-partijiet ma jista` jew m`ghandu jippretendi li mad-"*daqqa t`ghajn*" ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura specjali u partikolari tal-Mandat ta` Inibizzjoni.

Finalment irid jigi precizat ukoll illi l-Mandat ta` Inibizzjoni huwa mezz procedurali eccezzjonali.

Ghalhekk ma jistax ikun hemm il-hrug tal-Mandat jekk il-hsara li minnha r-rikorrent ikun qieghed jilmenta tkun tista` tigi rimedjata mod iehor.

Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni.

Dan kollu maghdud, **ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi s-sentenzi, kemm tal-prim istanza u kif ukoll tat-tieni istanza fil-proceduri 52/2014 (u jinghad ukoll is-sentenza dwar it-talba ghar-ritrattazzjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tad-19 ta' Lulju 2021, jaghtu d-dritt lil Bernardette Licari li, fit-termini tat-talba taghha, tizgombra lis-socjeta` Combined Industries Limited mill-fond 131, Peter Paul Caruana Street, Cospicua.

Min kif riprodotta fid-decizjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera, illi t-talba tar-rikorrenti kienet ghall-izgumbrament tas-<u>socjeta` intimata</u> (Combined Industries Limited) mill-fond msemmi ….

Illi l-proceduri msemmija tressqu kontra s-socjeta` Combined Industries Limited, filwaqt illi l-fond, tallega s-socjeta` rikorrenti J.L. Tabacco Company Limited, huwa okkupat minnha u ilu hekk okkupat minnha anke tul il-kors tal-proceduri msemmija.

Illi jirrizulta mis-sentenza tal-prim istanza kif kkonfermata mis-sentenza tal-Appell u kif ulterjorment ikkonfermata mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tad-19 ta' Lulju 2021 ghall-proceduri ta' ritrattazzjoni maghmula mis-socjeta` Combined Industries Ltd, liema sentenza ikkonfermat illi s-sentenza tal-Appell tat-23 ta' April 2021, li l-pretensjonijiet u t-talbiet tal-hemmek rikorrenti Bernardette Licari kellhom mis-sewwa u konsegwentament, kif anke ammess mis-socjeta` rikorrenti J.L. Tabacco Company Limited, hija otteniet titolu ezekuttiv sabiex tizgombra lil Combined Industries Limited mill-fond msemmi.

Illi jirrizulta mill-istess sentenzi, illi s-socjeta` hawnekk rikorrenti, jista' jkun illi tokkupa l-fond 131, Peter Paul Caruana Street, Cospicua, izda certament ma tistghax tghid illi l-fond kien lilha sullukat b'mod legittimu mis-socjeta` Combined Industries Limited – fatt dan stabbilit issa b'mod definittiv bis-sentenzi msemmija tant illi l-Qrati idoneji, ghal darba, darbtejn, tlieta.

Imma huwa pacifiku ukoll jinghad illi s-socjeta` Combined Industries Limited, sa' mill-ewwel istanzi tal-proceduri **52/2014MV**, mill-ewwel ecceppiet illi hija ma kinitx qed tokkupa l-fond mertu tal-kawza, u anzi indikat lis-socjeta` hawnekk rikorrenti bhala dik li kienet qeghda (u ghandha) tokkupa l-fond de quo.

Illi mill-atti jirrizulta ukoll illi s-socjeta` rikorrenti qatt ma kienet kkjamata in kawza u kwindi qatt ma jista` jinghad illi hija parti f'dawk il-proceduri. wisq anqas illi hemm gudizzju fil-konfront taghha.

Illi tressaq Mandat ta' Zgumbrament mill-intimata Bernardette Licari (Nru 1107/2021) sabiex hija tiehu lura l-pussess tal-fond kif giet awtorizzata, appuntu billi tizgombra lis-socjeta` Combined Industries Limited, kif inoltre` ighid l-istess rikors ghall-hrug tal-Mandat ta' Zgumbrament.

Illi gja la darba is-socjeta` rikorrenti ma kinitx parti fil-proceduri li taw lok ghall-izgumbrament ta' Combined Industries Limited, allura s-socjeta` rikorrenti tikkontendi illi s-sentenza ezekuttiva ma taghmilx stat fil-konfront taghha u kwindi ma jistghax jigi ezegwit l-Mandat ta' Zgumbrament de quo kontra taghha.

Il-Qorti tifhem illi s-socjeta` rikorrenti mhix tikkontendi illi d-dritt taghha jinsab f'xi kirja valida jew titolu iehor validu fuq il-fond de quo. Il-Qorti qed tifhem illi d-dritt illi s-socjeta` rikorrenti qed tivvanta huwa dak illi minhabba l-fatt illi hija ma kinitx parti mill-proceduri 52/2014MV, allura il-Mandat li segwa dawk il-proceduri ma jistghax isir fil-konfront taghha peress illi s-sentenza definittiva ma taghmilx stat fil-konfront taghha.

B'risposta ghal dan, l-intimati jirrispondu billi ighidu illi s-socjeta` rikorrenti ma ghandiex ragun, hemm numru ta' decizjonijiet tal-Qrati illi ighidu illi una volta r-relazzjoni lokatizja tigi mitmuma, allura jigu mitmuma ukoll kwalsiasi sullukazzjonijiet. Jghidu illi ir-rikors mressaq ma ghandux mis-sewwa ghaliex il-Mandat ta' Zgumbrament qieghed isir biss bl-awtorizazzjoni tal-Qorti u in segwitu ghal titolu ezekuttiv ottenut.

L-intimati Direttur Generali (Qrati), Registratur Qrati Civili u l-Marixxal Manolito Paul Briffa jecepixxu ukoll u b'zieda ma' dak li hawn fuq jinghad, illi d-Direttur Generali intimat m'ghadux jezisti filwaqt illi ir-Registratur u l-Marixxal intimati ma humiex legittimu kontraditturi peress illi huwa qeghdin biss jezegwixxu ordni tal-Qorti, inoltre` kif inhuma tenuti jaghmlu.

**Ikkunsidtrat Ulterjorment**:

Illi appuntu dwar l-eccezzjoni mressqa fis-sens illi l-intimati Direttur Generali (Qrati), Registratur Qrati Civili u l-Marixxal Manolito Paul Briffa ma humiex il-legittimu kontraditturi ghar-ragunijiet elenkati, il-Qorti rat l-Avviz Legali 197 tas-sena 2019, izda ttendi taqbel mas-sottomissjonijiet mressqa fir-rigward mis-socjeta` rikorrenti fir-replika taghha, u wara illi rat ukoll l-artikoli 69(1), 58(6) u 57(1) tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkonkludi illi din l-eccezzjoni ma ghandiex mis-sewwa u illi ghal finijiet ta' dan il-Mandat ta' Inibizzjoni, ma hemm xejn irregolari fl-intimati maghzula u inkluzi.

L-intimati Direttur Generali (Qrati), Registratur Qrati Civili u l-Marixxal Manolito Paul Briffa jecepixxu ukoll illi s-socjeta` rikorrenti J.L. Tobacco Company Limited kellha rimedju iehor x'tiehu u mhux illi tressaq Mandat ta' Inibizzjoni. Huma jsostnu illi l-Artikolu 281 tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta huwa intiz biex, intimat jew persuna ohra interessata, jittanta jhassar in toto jew in parte titolu ezekuttiv, u kwindi s-socjeta` rikorrenti messa' utilizzat dik il-procedura aktar milli dan ir-rimedju straordinarju.

L-Artiklu 281 tal-KAP 12 jaqra' testwalment hekk:

> *Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dakl-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jewf'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi.*

Il-Qorti ma taqbilx ma' din l-eccezzjoni u sejra ukoll tiskartha. Hija ssib konfort f'numru ta' decizjonijiet tal-Qrati taghna li gja ttrattaw dan il-punt, fosthom:

> *Il-ligi ma tghidx x'tista' tkun "ir-raguni valida skond il-ligi" li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madanakollu, in generali, jista' jinghad illi mandate jista' jigi attakat kemm il-darba ikun inhareg minn Qorti zbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma.*[3]

Aktar minn hekk:

> *L-ghan li ghaliha dahhlet il-procedura that l-artikolu 281 tal-KAP 12 huwa marbut ma' xi ghelt jew nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu li, bis-sahha tieghu, l-parti ezekutata tbghati pregudizzju. Ghalhekk ma kinitx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuza biex il-mandat jew att ezekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta'*

[3] Edward Pace vs Michael Sultana 05.05.2005

*kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu, li bis-sahha tieghu l-istess att ezekuttiv ikun inhareg.*[4]

Trattati dawn iz-zewg punti preliminari, il-Qorti sejra issa titratta l-kwistjoni fil-mertu taghha u fl-ambitu hawn fuq spjegat.

Jibda' biex jinghad illi l-Qorti ma tiehux b'mod legger tentattiv biex jinzamm l-esekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv, u dan ma taghmlux b'kapricc, imma ghaliex kif gja gie espress diversi drabi mill-Qrati taghna, jekk ghal kull haga ta' xejn, titwaqqaf l-ezekuzzjoni ta' mandat ezekuttiv, allura l-ebda titolu ma jista' jsir finali.

Dan maghdud, il-Qorti tibda' biex tirreferi ghall-**Artiklu 8 u 9 tal-KAP 69** tal-Ligijiet ta' Malta. Jinghad espressament hekk:

> *8.(1) Meta sid il-kera jkun irid jieħu lura l-pussess tal-fond fit-tmiem tal-kiri, huwa għandu jitlob permess lill-Bord għaldaqshekk.*
>
> *(2) Id-disposizzjoni ta' dan l-artikolu ma tgħoddx għall-fondi li huma tal-Gvern jew amministrati minnu.*

Il-Qorti tqis car il-kliem tal-ligi. M'hemmx dubbju illi r-rikorrenti (Bernardette Licari) fil-proceduri quddiem il-Bord tal-Kera setghet titlob lill-Bord sabiex hi, kif trid il-ligi, *tieħu lura l-pussess tal-fond*. B'dana kollu dan ma jirrizultax illi kien il-kaz, u t-talba specifika taghha, kif jirrizulta mid-decizjoni tal-Bord, kienet dik illi s-socjeta` hemmek intimata (Combined Industries Limited) tigi zgumbrata mill-fond de quo fi zmien prefiss. Il-Bord laqa` **din** it-talba u pprefigga terminu ta' xahar ghall-izgumbrament.

Jirrizulta ukoll illi fil-kors ta' dawk il-proceduri, qamet il-kwistjoni ta' sullukazzjoni a favur is-socjeta` hawnekk rikorrenti – izda il-Qorti ghal darba, darbtejn, tlieta ikkonfermat illi s-sullukazzjoni allegata ma kinitx legittima. Cio` nonostante, ir-rikorrenti f'dawk il-proceduri ma dehriliex

[4] HSBC Bank Malta Plc vs Doris Conchin 28.07.2011

opportun illi ssejjah lis-socjeta` hawnekk rikorrenti fil-kawza, f'liema kaz kien ikollha decizjoni ukoll fil-konfront taghha. Kien fl-interess taghha, partikolarment ghal mod kif ippostulat it-talba, illi taghmel dan sabiex tottjeni gudizzju komplut u integru ghal finijiet ta' zgumbrament.

Fis-sentenza **Gulub Chatlani vs George Grixti**,[5] il-Qorti tal-Appell (Sede Kummercjali) qalet hekk:

> *…….. ghaliex ebda att giudizzjajru, fis-sistema taghna, ma jista' jkollu effikacja jew jigi mibghut u jolqot lil xi hadd li mhuwiex nominat. Il-motiv "biex id-drittijiet tas-sid ma jigux eluzi" m'ghandu x'jaqsam assolutament xejn ghaliex id-drittijiet tas-sid huma drittijiet fil-konfront tad-detentur nominat u dawk id-drittijiet, billi jista' jigu eluzi. Meta d-debitur jippjanata lil haddiehor floku fil-fond, ma jfissirx allura dak il-haddiehor – minghajr precediment giudizzjajru – jigi suggett ta' u ghal mandate ezekuttiv bhallikieku kontra tieghu l-jkreditur – sid akkwista titolu ezekuttiv fil-konfront tieghu.*

Il-Qorti taghmel referenza, anke ghaliex id-difensuri tal-intimati rreferew ghalih fit-trattazzjoni taghhom, ghall-**Artiklu 384 tal-KAP 12** tal-Ligijiet ta' Malta, li huwa artikolu uniku tal-ligi li jittratta l-Mandat ta' Zgumbrament, u mill-liema artiklu jirrizulta car illi "*…….. l-uffiċjal eżekuttiv tal-qorti għandu jordna lill-kerrej <u>jew lid-detentur</u> li jħalli l-fond ……..*" fl-esekuzzjoni ta' Mandat ta' Zgumbrament meta s-sid ikun ottjeni titolu ezekuttiv biex jiehu lura l-pussess ta' fond.

Huma jsostnu illi bl-applikabbilita' ta' dan l-artiklu allura d-detentur, f'dan il-kaz, is-socjeta` rikorrenti, tista' ukoll tigi zgumbrata.

Din il-Qorti tqis illi b'sentenza ezekuttiva illi tintitola lis-sid jiehu lura l-pussess ta' fond, dan jaghmel sens, imma hawnekk si tratta ta' titolu ezekuttiv divers, ossia, specifikatament, kif mitlub, l-izgumbrament tas-socjeta` Combined Industries Limited mill-fond de quo. Fil-fatt, anke qari tar-Rikors ghal hrug tal-Mandat Ezekuttiv de quo jixhed dan meta jinghad:

---

[5] 02.12.1991

*Jintalab bil-qima:*

> *Illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandate ta' zgumbrament kontra l-intimat (*allura Combined Industries Limited) *(mill-fond infraskritt) in esekuzzjoni tas-sentenza infraskritta ….*

Huwa f'dan il-kuntest ukoll illi din il-Qorti tqis aktar fondamentali il-fatt illi s-socjeta` hawnekk rikorrenti kellha tigi kkjamata in kawza – haga li ma saritx.

Illi din il-Qorti tabbracca dak deciz mill-Qorti tal-Appell (Sede Kummercjali) fil-kawza **Gulub Chatlani vs George Grixti**, li ghandha fatti specie simili hafna ghall kaz in dizamina.

F'dik is-sentenza, fost affarijiet ohra tirrafferma ukoll il-principju illi "*sentenza ma tista' qatt tkun ta' hsara ghal min ma kienx parti fil-kawza*". Principju naxxenti principalment mill-**Artikolu 237 tal-KAP** tal-Ligijiet ta' Malta, li ighid espressament hekk:

> *Is-sentenza ma tista' tkun qatt ta' ħsara għal min, la huwannifsu u lanqas bil-mezz tal-awturi jew ta' rappreżentant leġittimutiegħu, ma jkunx parti fil-kawża maqtugħa b'dik is-sentenza.*

Irid jinghad illi s-socjeta` rikorrenti qed issejjes il-Mandat odjern taghha fuq dan ukoll, anzi principalment fuq hekk – u allura d-dritt pretiz mis-socjeta` rikorrenti jiehu anke hawn zvolta a favur id-dritt ppruvat fuq livell *prima facie*. Is-sentenza Chatlani vs Grixti issejjah u tiddeskrivi din ir-regola bhala wahda fondamentali, bl-artiklu 237 "*jirrifletti l-massima antika – res inter alios acta*".

Fil-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, il-Qorti gja rreferiet ghall-fatt illi minkejja illi s-socjeta` hawnekk rikorrenti giet indikata bhala okkupant tal-fond de quo sa mill-istadji inizijali tal-proceduri, b'dan kollu sid il-fond ma talabx il-kjamat in kawza tal-istess socjeta` J.L. Tobacco Company Limited. Minn naha taghha, s-sid laqghet billi qalet li lanqas l-istess socjeta` msemmija ma talbet li tintervjeni, jekk kellha interess.

Fl-istess sentenza msemmija jinghad ukoll, b'risposta ghal dan:

> *Pero` dan huwa ukoll zbaljat. Dak li l-konvenut u l-Qorti ippretendew huwa li l-attur – billi interessat fil-kawza bejn Grixti u Mangion – kellu jintervjeni fl-istess kawza. Imma dan l-intervent fil-kawza anki kieku sar, xorta wahda ma kienx b'daqsekk jipprovdi lill-konvenut titolu ezekuttiv li jellu bzonn kontra l-attur. Pjuttost, kien il-konvenut li – kif indubbjmanet asserixxa – la kien jaf li l-attur kien qed jiddetjeni l-fond, missu ghajjat fil-kawza lill-attur u b'hekk, kontra tieghu kien jista' jottjeni titolu ezekuttiv.*

Maghmula ghalhekk dawn il-konsiderazzjonijiet u kostatazzjonijiet, din il-Qorti thoss illi l-jedd prima facie tas-socjeta` rikorrenti gie ppruvat u gja la darba is-sentenza ezegwita ma taghmilx stat fil-konfront taghha, tqis il-jedd minnha pretiz ghal finijiet ta' dan il-Mandat bhala li ghandu mis-sewwa.

In kwantu ghall-element ta' <u>pregudizzju</u>, fit-termini tal-artiklu 873(3) tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tqis illi una volta ppruvat il-jedd *prima facie*, ikun, fic-cirkostanzi tal-kaz, inopportun illi jigi michud il-Mandat bil-konsegwenza illi l-insenjament hawn fuq citat jigi mormi mit-tieqa.

Tqis ukoll illi minn kif jidhru l-affarijiet hawnekk, sid il-fond, Bernardette Licari, li fuq kollox setghet naqset hi li tikkjama lis-socjeta` rikorrenti fil-kawza u tiffranka proceduri ulterjorjuri, b'dana kollu, salv l-immprevvist, ma jidhirx illi ghandhu jkollha problema tipprocedi kontra s-socjeta` rikorrenti fil-forum opportun, partikolarment bid-dikjarazzjonijiet gia stabbiliti fis-sentenzi fir-rigward tas-sullukazzjoni.

Tqis ukoll illi fil-frattemp, is-socjeta` rikorrenti qed tgwadi l-pussess tal-fond u una volta mitluf, partikolarment jekk m'hemmx gudizzju fil-konfront taghha, dak iz-zmien hekk mitluf ma jigi rkuprat qatt. Kuntrarjament ghal dan, is-sid ta' fond zgumbrat minn persuna illi jkun okkupa l-fond minghajr

titolu validu fil-ligi, jekk jirrizulta hekk, ikollu dejjem triq miftuha biex jitlob kumpens ghall-okkupazzjoni illecita.

Tqis intant, fir-rigward anke tal-intimati l-ohra, illi dawn in effetti mhux ser jigu ppregudikati anke ghaliex l-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv ottenut, ossia l-izgumrament tas-socjeta` Combined Industries Limtied, (rilevanti jew le), jista', strettament jipprocedi.

U allura, l-Qorti hija sodisfatta illi jekk ma jintlaqax il-mandat de quo is-socjeta` rikorrenti ser issofri pregudizzju sproporzjonat meta mqabbel mal-ezekuzzjoni altrimenti permessa tal-mandat ta' zgumbrament fil-konfront ta' persuna li kontra taghha, fuq livell prima facie, ma jistghax jigi ezegwit.

**GHALDAQSTANT**, ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tiddeciedi billi –

1. **Tilqa'** it-talba ghall-hrug tal-Mandat kif mitlub b'mod definittiv.

   Spejjes ta' din il-procedura a karigu tas-socjeta` rikorrenti.

Mogħti kameralment illum, **il-Hamis, 2 ta' Settembru, 2021**.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**